Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 180

Riċerka ta' Joseph Bezzina

© 2010

# *Il-maħżnier tal-qmuħ tiġih żewġ*

**Id-dokument numru mija u tmenin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex tikkonsisti f'nota dwar ir-rikors imressaq minn Ġużeppi Cassar, il-maħżnier tal-Università ta' Għawdex, li ġibna fin-numru ta' qabel. Jinsab reġistrat fil-għaxar volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1709–1710), folju 40v (NAG, UG, *Acta,* 10/1709–1710, f. 40v).**

Din hi t-traskrizzjoni tan-nota:

*Eminentissimo Signore,*

*Su ordine ali supplicato in questo memoriale, e nell'altro dato da Giovanni Zammit, ho sentito li giurati del Gozzo con haverli ordinato nel medesimo tempo che fosse posto all'incanto di quello magazzeno e fosserò sentiti li oratori. Et però havendo riportato l'annessa relazione dalla quale si ricava che l'ultima e la migliore oblazione fosse stata fatta da Giuseppe Cassar attuale magaziniere quale si offri a' servire a' ragione d'un tarì et un grano per salma; la rimetto all'Eminenza Vostra a' finchè prenda quelli resoluzioni, che le paravanno più propicue; e la redicita la mano;*

*questo dì 20 maggio 1710*

*Il Priore della Roccella, incarigato.*

Ġużeppi Cassar, kif semmejna fin-numru ta' qabel, kien għal tmien snin sħaħ il-maħżnier tal-Università, il-persuna responsabbli mill-imħażen tal-qmuħ. L-Università kienet tagħżel bħala maħżnier lil dik il-persuna li kienet titlob l-inqas kummissjoni fuq l-amministrazzjoni tal-imħażen u l-bejgħ tal-qamħ. Il-kummissjoni kienet titħallas fuq kull salma qmuħ li tinbiegħ.

Minn din in-nota jidher li fis-sena 1710, tliet mitt sena ilu, ma' Cassar tefa' wkoll l-offerta Ġanni Zammit. Cassar beża' li ma jiħux l-offerta hu u għalhekk bagħat rikors lil Raymond Perellos y Rocaful, Granmastru ta' Malta, biex jenfasizza l-ħila tiegħu bħala maħżnier. Ir-rikors ntbagħat lill-Granmastru permezz tal-Università.

Ir-rikors twassal f'idejn il-Prijur ta' Roccella, is-Siniskalk, nhar is-16 ta' April, 1710. Wara li raħ, hu ordna li, peress li kien hemm iktar minn persuna waħda interessata, il-post ta' maħżnier kellu jingħata b'irkant. Fl-istess jum, din l-ordni twasslet lill-Università u talbuhom isejħu liż-żewġ konkorrenti ħalli jagħmlu l-offerta tagħhom.



Ġużeppi Cassar jidher li kien sejjer tajjeb ħafna bħala maħżnier u ried iżomm postu akkost ta' kollox. Kif ktibna fin-numru ta' qabel, fl-aħħar tliet snin hu kien qiegħed jieħu tarì u tmintax-il gran, jiġifieri rbiegħi u tmintax-il ħabba għal kull salma qmuħ. *Salma*, li bil-Malti tingħad *modd*, kien fiha 16-il tomna; għalhekk salma kien fiha 4.65 metri kubi.

Ħwejjeġ ma jitwemmnux Cassar niżżel l-offerta tiegħu għal tarì u gran, jiġifieri rbiegħi u ħabba – sbatax-il ħabba inqas. Jiġu 0.018 ewro kull salma, jiġifieri kważi żewġ Ewro ċenteżmi.

L-Università bagħtet tgħarraf lis-Siniskalk b'din l-offerta. Ma jingħadx kemm kienet dik ta' Ġanni Zammit, iżda żgur ma kinitx inqas. Nhar l-20 ta' Mejju, 1710, is-Siniskalk reġa' kkonsidra t-talba u kiteb in-nota traskritta hawn fuq. Quddiem l-offerta baxxa li saret minn Ġużeppi Cassar ma tantx kellu x'jikkonsidra. Qatagħha li naturalment kellu jintgħażel Cassar.

Nhar il-20 ta' Mejju, 1710, l-Awditur ressaq l-għażla għall-approvazzjoni finali ta' Raymond Perellos y Rocaful, Granmastru ta' Malta. Hu mill-ġdid ħatar lil Cassar bħala maħżnier tal-Università ta' Għawdex.